# KUNSILL LOKALI IR-RABAT (MALTA)

## RAPPORT AMMINISTRATTIV 2012

Imħejji

**Mis- Sindku Alexander Craus**

**u**

**Mis-Segretarju Eżekuttiv Orietta Masini Cardona**

**It-Tnejn 7 ta' Jannar 2013**

## INTRODUZZJONI MIS-SINDKU

Dan ir-rapport ser ikun l-aħħar wieħed li ser jigi preżentat għal din il-leġislatura. Dan minħabba l-fatt li t-terminu ta' governanza lokali ser jiġi fi tmiemu fit-8 ta' Marzu 2013. Nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-kunsilliera kollha li lkoll taw s-sehem tagħhom biex llum qed inwasslu fi tmiemha leġislatura li kienet waħda tajba ħafna meta wieħed jara l-ammont kbir ta' xogħol li wettaqna għal ġid tar-residenti Rabtin.

Illum ir-Rabat ibbenefika minn numru ta' toroq li tlestew tul dawn l-aħħar erba snin pero b'mod parikolari f'din sena li kienet oħra ta' suċċess għalina l-kunsilliera. Ħidmietna reġgħet għal darb'oħra iffukat fuq l-investiment kapitali u għalhekk ħdimna bla head fil-qasam infrastrutturali u komplejna nżidu mal-ammont kbir ta' toroq li tlestew din is-sena. Ħdimna fil-qasam edukattiv, ħdimna fil-qasam tal-anzjani, ħdimna fil-qasam tar-restawr, ħdimna fil-qasam agrikolu, ħdimna fil-qasam tal-persuni bi bzonnijiet differenti, ħdimna fil-qasam kulturali u żidna l-effiċjenza tagħna biex nagħqdu l-ħtigijiet tar-residenti.

Bħala Sindku għal dawn l-aħħar ħames snin nuri l-apprezzament tiegħi lejn il-ħaddiema tal-Kunsill li lkoll ħadmu mingħajr pretensjonijiet ta' xejn u dejjem urew professjonailta' f'dak kollu li għamlu. Lis-Segretarju Eżekuttiv tad-disponabilita' li dejjem kellha u lilkom ir-residenti kollha li dejjem irrispettajtuni. Din hi okkażjoni oħra li nixtieq insellmilkom, peress li dawn huma l-aħħar xahrejn tiegħi bħala Sindku tagħkom peress li għall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali mhux ha nerġa nikkontesta. Inħoss li tajt dak kollu li stajt u għamilt ħilti kollha biex nara progress fil-lokalita tagħna.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**ATTENDENZA**

B'kollox il-Kunsill iltaqa` 15 -il darba u hu ta' sodisfazzjon li l-maġġoranza tal-kunsilliera attendew għal dawn l-laqgħat tal-Kunsill fejn flimkien ħdimna u organizzajna diversi affarijiet għall-ġid tal-komunita` Rabtija. Fil-laqgħa tal-Kunsill F40, li saret fit-8 ta' Marzu 2012, is-Sindku qara r-riżenja tal-Kunsillier Frans Chircop u minfloku ġiet eletta il-Kunsillier Odette Manicaro.

| ISEM | ATTENDA | SKUZAT | ASSENTI |
|---|---|---|---|
| Alexander Craus | 15 | 0 | |
| Doris Coleiro | 14 | 1 | |
| P.P. Azzopardi | 15 | 0 | |
| Antoine Borg | 12 | 3 | |
| Nazju Cassar | 13 | 2 | |
| Frans Chircop | 2 | 1 | |
| Paul Grech | 11 | 4 | |
| Rudolf Grima | 10 | 5 | |
| Odette Manicaro | 10 | 1 | |
| Dr. Robert Micallef | 15 | 0 | |

**PROĠETTI INFRASTRUTTURALI**

Il-Bidu tas-sena 2012 kien wieħed impenjattiv peress li f'Jannar beda ix-xogħol fuq Triq San Martin. Bħal ma sar f'toroq oħra hawn ukoll bdilna s-servizzi kollha, xogħol li elimina darba għal dejjem problemi ta' għarar ta' ilma fil-kantini tad- djar tar-residenti ta' din it-triq. Din it-triq ġiet ippavimentata ukoll mil-ġdid. Din giet tiswa €20,910.

Triq oħra li lestejna kienet Triq Indri Borg, triq li ħadet aktar zmien minn dak ippjanat pero triq li llum tista titqies bħala waħda mill-isbaħ toroq li għandna. Hawn ukoll biddilna s-servizzi kollha u sar pavimentar ġdid. Din it-triq giet tiswa €76,165

F'din is-sena ridna nlestu ż-żona kollha t'Għeriexem. Din hi zona li kienet ila mitluqa erbgħin sena. Kellha diversi problem. Ħofor kullimkien, problema ta' pressa baxxa tal-ilma u problemi ta' dranaġġ. Ir-residenti f'din iż-żona kienu ilhom jilmentaw is-snin dwar is-sitwazzjoni tat-triq tagħhom. Għal Ġunju inbeda x-xogħol u bqajna sejrin sa nofs Settembru. Xogħol intens li sarraf f'toroq ġodda u li llum ħolqu ambjent mill-isbaħ f'wahda miż-żoni storiċi tar-Rabat. Din iz-zona giet tiswa €93,189

Triq oħra li lestejna kienet triq Għobbejra. Triq li giet tiswa €29,240**.** Triq li tmiss ma Vjal il-Ħaddiem, sewwa sew il-parti ta' Vjal il-Ħaddiem li ha tkun lesta fil-bidu tas-sena 2013. Hawn ta' min isemmi r-rebħa li għamel il-Kunsill Lokali tar-Rabat biex ipperswada lil gvern biex issir Triq Ħad-Dingli u Triq Vjal il-Ħaddiem. Insistejna li hawn jinbidlu s-servizzi kollha speċjalment is-sistema tad-dranaġġ. Infatti ta' min isemmi li x-xogħolijiet f'din it-triq huma fi stat avvanzat ħafna u issa jonqos l-aħħar xogħolijiet qabel ma jingħata t-tarmak.

Fis-sena 2012 ħdimna biex Triq u Vjal Santu Wistin jitlesta x-xogħol ta' pavimentar bil-lava. Wara laqgħat twal mar-residenti ta' dawn it-toroq inbeda x-xogħol u llum għandna żewg toroq oħra fil-qalba tar-Rabat. Wara li sar l-paviment ġdid bil-lava fi Triq u Vjal Santu Wistin komplejna ninsistu biex fi Triq Santu Wistin ikun hemm dawl gdid. Hawn għamilna fanali ornamentali b'bozoz li jikkunsmaw anqas eletriku.

Triq oħra li ħdimna fuqha kienet dik ta' tas-Salib fejn hawn lestejna t-Tieni Fazi tat-Triq li kienet tkopri t-tela kollha u nibqgħu sejrin sa fejn id-djar. Hawn biddilna main tal-ilma u ghamilna bankini ġodda. Naddafna l-culvert li kien mal-ġenb tat-triq u għamilna barriers bħala protezzjoni għas-sewwieqa. Triq li giet tiswa €53,224

Ħdimna ħafna mal-bdiewa u tajna ammont sostanzjali ta' konkos. Dan għamilnieh biex nirranġaw trejqat fil-kampanja. Irranġajna numru ta' pontijiet li jgħaddu minn fuqhom il-bdiewa. Dan billi biddilna l-planki tal-konkos. Tellajna numru sostanzjali ta' ħitan tas-sejjiegħ li uħud minnhom waqgħu bil-maltemp u oħrajn b'vandalizmu. Dan għamilnieħ fiż-żona rurali tagħna. L-akbar nefqa pero kienet fl-ogħti ta' konkos lil bdiewa tagħna. L-akbar ammont imur fiż-żona ta' Wied l-Isqof, tat-Tarġa, l-Imtaħleb, tas-Salib, tas-Sirena l-Baħrija u żoni oħra li minnhom ibbenefikaw il-bdiewa tagħna. Nefqa f'konkos ta' madwar €37,742

Ħidma oħra kbira li nbdiet u ħa titkompla fis-sena 2013 kienet dik li qed titwettaq fiż-żona tal-Flats t'Għajn Qajjet sewwa sew madwar il-Block D. Hawn il-kunsill qed jibdel il-madum kollu, ħa ninstallaw 12 –il arblu ġdid, bankijiet ġodda, railings u puġġamani u bins biex neliminaw il-ħmieg, żieda fil-parkeġġi u tħawwil ta' pjanti u fjuri staġjonali. Nefqa ta' madwar €80,000.

## INDAFA ĠENERALI U QTUGĦ TA' ĦAXIX

Dan is-sajf ħdimna bla waqfien biex naqtgħu l-ħaxix f'diversi żoni fosthom Tal-Virtu', is-Salvatur, Landrijiet, l-Mtaħleb, fejn tax-Xemgħa, l-Baħrija, Tas-Sirena, l-Għemmieri, l-Fiddien, fejn il-'Computer Centre', Raba Nemel, Bieb ir-Ruwa, Wied Rini, id-Dwejra u l-Kuncizzjoni.

Naddafna numru ta' widien minn debris li kien qed jimblokka minn fejn jgħaddi l-ilma tax-xita. Hawn għamilna ħilitna kollha biex id-dipartiment speċjalment l-MRRA jagħmlu dawn ix-xoghlijiet fix-xhur tas-Sajf pero ftit li xejn sar xogħol u mal-ewwel maltempata li saru diversi ħsarat b'detriment għal bdiewa u r-raħħala tagħna.

## EDUKAZZJONI

Flimkien mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni komplejna bil-korsijiet fil-lingwa Maltija u Ingliza għall-adulti u dan kien kors ta' suċċess. Kellna attendenza kbira ħafna fix-xhur tas-sajf għall-korsijiet indirizzati lejn it-tfal tagħna. Organizzajna wkoll korsijiet oħra li jwasslu ghall-ECDL.

Investejna fil-ħaddiema tagħna wkoll fejn dawn attendew diversi korsijiet biex intejbu s-servizz mgħoti mill-Kunsill.

Bħala Kunsill qed nixtru diversi kotba kull sena għal-Librerija Reġjonali tal-Kunsill. Kotba immiratti għat-tfal ta' kull eta', tfal bil-kundizzjoni tad-'dyslexia' u adulti, biex hekk nipromovu imħabba lejn il-ktieb.

**SPORTS**

Organizzajna b'suċċess għal darb'oħra l-'Motor Sports Festival'. Din is-sena qsamna din l-attivita fuq tliet attivitajiet. Organizzajna Hill Climb, Motor Static Show u Carting Challenge event. Attivitajiet li ġibdu mijiet ta' diletanti. Hemm attivitajiet oħra ppjanati f'dan il-qasam.

**ANZJANI**

Ħidmietna f'dan il-qasam kompliet tissaħaħ. Grazzi lil Vici Sindku Doris Coleiro li bl-għajnuna ta' numru mdaqqas ta' voluntiera organizzjana diversi attivitajiet u ħarġiet kemm fix-xitwa u kif ukoll fis-sajf għal-anzjani tagħna. Organizzajna b'suċċes iż-żewġ 'parties' wieħed f'Jum l-Anzjani u l-ieħor fi żmien il-Milied.

Id-'Day Centre' ta' l-anzjani qed ikollu suċċess f'dan ir-rigward u barra li norganizzaw numru kbir ta' attivitajiet rikreattivi qed isiru wkoll numru ta' dikussjonijiet relatati mal-anzjani.

**HOUSING**

Wara li lestejna x-xogħlijiet fi Block A Ent. 1-8, Block A Ent. 9 – 16, Block D Door. 6, Block E Door 2 u Block F Door 1 komplejna ħidmietna fuq hames komuni oħra u għamilna dawk ta' Block D, jigifieri lestejna Door 1,2,3,4 u 5 ġo Triq Għajn Kajjet. Hawn żbajna l-komun kollu, għamilna intercoms, irranġajna l-bibien, żbajna l-letter boxes, għamilna manutenzjoni fis-soqfa, għamilna travi tal-ħadid biex t-tankijiet tal-ilma jitpoġġew fuqhom u neħħejna kull żgombru li kien hemm fuq il-bjut bħal tankijiet tal-azbestos u arbli tat-TV. L-għan prinċipali hu li nkomplu nżidu is-sigurta f'din iż-żona.

Fis-sena 2012 applikajna għal aktar fondi u nfatti din is-sena rbaħna aktar fondi biex nirrangaw 10 komuni oħra. Is-somma tammonta għal-50,000 ewro u ser isiru dawn il-komuni;

Għajn Qajjet : Block B, Block C, Block E-Door 1, Block F-Door 2, Block G, Block Ħ, Block I, Block J-Door 1, Block J-Door 2 u Block wiehed min Għeriexem.

## PROĠETTI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill lesta żewġ proġetti relatati ma' fondi tal-UE. Wieħed mil-proġetti huwa li jinfetaħ għall-ewwel darba l-katakombi ta' Santu Wistin. Dan l-proġett tlesta u fadal l-aħħar ftit affarijiet biex issa għandna katakombi ieħor li jista jinfetaħ u jiggwadanja minnu l-poplu Malti u Għawdxi u t-Turist li jżurna. Il-Kunsill tar-Rabat irranġa s-soqfa u xi ħitan ta' dawn il-katakombi. L-Kunsill ħa ħsieb wkoll li dan il-katakombi jkun aċċessibli għal kullħadd.

Proġett ieħor li qed isir bi sħab ma' 'Permaculture Research Foundation' tlesta wkoll. Proġett li permezz tiegħu twassalet informazzjoni dwar agrikoltura u żvilupp sostenibbli lill-pubbliku in ġenerali. Flimkien organizzajna korsijiet u workshops biex iż-żgħażagħ li jgħixu f'żoni urbani, jiġu f'kuntatt dirett man-natura u jitghallmu metodi li ma jagħmlux ħsara lill-bniedem u lill-ambjent. Saru żjarat minn tfal tal-iskola u ngħata tagħlim dwar il-prinċipji u t-tħaddim ta' eko-sistemi.

## PROGETT TA' TRIQ SANTA RITA U SAN KATALD

Il-Proġett tat-tieni fażi tal-pjazza ser ikun qed jikkumplimenta dak li għamilna fl-ewwel fażi tal-proġett. Huwa proġett li ser ikun kompletament iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Dan ilna naħdmu għalih erba' snin sħaħ biex inġibu investiment ta' dan il-kobor lejl il-lokalità tagħna. Flimkien mal-Perit li kellna l-Perit Faye Caruana ħejjena pjanti ferm sbieħ li zgur ser jintlaqgħu tajjeb mir-residenti tagħna.

L-intenzjoni tagħna hi li nkomplu nagħtu l-ħajja liċ-ċentru turistiku tagħna u dan ha nkomplu nagħmluh billi nkompli ninvestu f'waħda mill-isbaħ pjazez li hawn f'Malta. Il-Pjazza tagħna hi pjazza bi storja kbira u għalhekk hu ferm importanti li nkomplu fejn konna bdejna bil-Proġett ta' quddiem il-Knisja Parrokjali.

L-Investiment tagħna ħa jiffoka fuq Triq Santa Rita u Pjazza San Katald b'investiment totali ta €475,000. Ħa jsir pavament ġdid għal bankini bl-istess materjal li ntuża meta għamilna l-pjazza, ha jiżdied id-dawl billi jiġu installati fanali bħal ma' waħħalna fil-pjazza, ha jiżdied il-parkeġġ, ħa nwessgħu l-bankini ta' quddiem il-ħwienet ta' Triq Santa Rita u ħa nżidu bankina oħra faċċata tal-ħwienet fl-istess triq. Ha nagħmlu sinjali ta' dirrezjoni għal- mużewijiet u postijiet storiċi ġodda biex iservu ta' gwida għat-turisti.

## JUM IR-RABAT

Din is-sena Jum ir-Rabat ġie ċċelebrat il-Ġimgħa 31 t'Awwissu peress li t-2 ta' Settembru (il-ġurnata propja) kienet taħbat il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura li ta' kull sena tiġi ċċelebrata fir-Rabat mill-Patrijiet Agostinjani. Fil-fatt l-attivita' saret fil-Pjazza Santu Wistin quddiem il-knisja ddedikata lil San Mark, fejn tiġi ċċelebrata din il-festa taċ-Ċintura. Fil-programm ħadu sehem il-Clarion Ensemble, il-Grupp Nisġa, il-kantanta Michaela Farruġia u t-tfajjel Myron Jose Aġius.

Fid-diskors tiegħu tal-okkażjoni, is-Sindku tal-lokal, is-Sur Alexander Craus, irringrazzja lill-dawk kollha li ħadu sehem, li fil-maġġoranza tagħhom huma Rabtin, u lill dawk kollha li attendew għal din il-lejla specjali, iddedikata lir-Rabtin. F'din is-serata ingħata Gieħ ir-Rabat, l-akbar unur li jistgħa jingħata mil-lokalita' u rikonoxximenti lir-Rabtin, għas-sehem tagħhom f'isem il-lokalita'. Gieħ ir-Rabat ingħata, lis-Sur Joseph Muscat, li huwa storiku magħruf u marrittimu, għax-xogħol kbir ta' riċerka li għamel f'dawn l-oqsma.

Ir-rikonoxximenti ingħataw lis-Sur Silvio Vella, għas-sehem tiegħu fil-qasam sportive, lis-Sinjura Pauline Dingli, għas-sehem tagħha fil-qasam kulturali u storiku, u lis-Sinjorina Lara Tonna, għas-sehem tagħha fil-qasam tal-volontarjat u l-edukazzjoni.

## RESTAWR

Hu ta' sodisfazzjon għalija li ħidmietna f'dan il-qasam ħa tibda tidher ukoll. Għal din is-sena l-Kunsill ħa jirrestawra żewg statwi waħda li tinsab fi Triq San Pawl u l-oħra li tinsab fit-tarf ta' Triq Doni. Dawn jekk ma nintervjenewx ħa jispiċċaw jintilfu f'qasir żmien. L-Kunsill ser iqabbad perit biex jagħmel studju fuq dawn in-niċeċ jew statwi u jagħti lill-kunsill rendikont ta' kemm jiġi jiswa r-restawr ta' kull niċċa u statwa.

Wara sentejn ta' stennija ħarġilna l-permess tar-restawr tal-Għajn ta' Għeriexem. Ilna għaddejin bi studji ta' kif ha jitwettaq ix-xogħol. F'din is-sena inħareġ tender u intgħażel il-kuntrattur. Ix-xogħol beda u miexi b'rittmu tajjeb. Tnaddfet iż-żona kollha u beda x-xogħol fuq il-ġebla. Hu stmat li x-xogħol jitlesta għal ħabta ta' Frar.

**KONKLUZJONI**

Inħossni kburi li mexxejt dan il-Kunsill  f'dawn l-erba snin. Ħdimna bla waqfien f'diversi oqsma. Bdilna ħafna affarijiet fosthom il-magazine li illum sar mezz komunikattiv ferm apprezzat mir-Rabtin. Bdilna l-aspett kif naqdu n-nies, bdilna diversi kuntratturi li ma kienux qed jilħqu l-aspettativi tagħna, bdilna l-mod kif jiġi organizzat Jum ir-Rabat, bdilna l-Għalqa ta' Kola f'żona aktar attrajenti, bdilna Għar Barka, bdilna t-toroq t'Għeriexem, bdilna ż-żona t'Għeriexem u determinati li nkomplu nibdlu għal ġid tar-residenti. Dan hu l-aħħar rapport ta' ħidmet il-kunsill f'din il-leġislatura  u allura nixtieq ngħalaq billi nirringrazzja lil kull min kien spalla ma' spalla miegħi f'din il-ħidma li wettaqna għal ġid ir-residenti kollha.

**Alexander Craus**
**Sindku**